MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 930/1992/2

**Rikors numru 930/1992**

**Edward Camilleri bħala segretarju u in rappreżentanza tas-soċjetà *Aura Development Company Limited*; u b'digriet tat-12 ta' Lulju 2002 Benjamin Rizzo ġie nominat bħala stralċjarju tas-soċjetà attriċi minflok l-attur Edward Camilleri**

***versus***

**Carmelo magħruf bħala Charles Vella; u b'digriet tal-5 ta' Frar 2004 Esther Vella ġiet nominata kuratur deputat biex tirrappreżenta l-eredità ġjaċenti ta' Carmelo magħruf bħala Charles Vella li miet fil-mori tal-kawża**

1. Din is-sentenza hija dwar talba magħmula mill-parti konvenuta biex jinstema' mill-ġdid appell maqtugħ b'sentenza ta' din il-qorti tal-11 ta' Novembru 2011, wara li titħassar dik is-sentenza għax il-parti konvenuta tgħid illi s-soċjetà attriċi ma hijiex persuna leġittima u għax wara s-sentenza nstab dokument deċiżiv (art. 811 para. (*c*) u (*k*) rispettivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili).

2. Il-fatti, safejn huma relevanti għal din is-sentenza, huma dawn: is-soċjetà attriċi fissret illi l-parti konvenuta tellgħet bini bi ksur ta' kondizzjonijiet f'kuntratt ta' enfitewsi li jorbtuha mal-attriċi. Għalhekk l-attriċi talbet illi l-parti konvenuta tiġi miżmuma milli tkompli bil-bini, illi tiġi kundannata twaqqa' l-bini li tellgħet u illi, jekk tonqos, l-attriċi tingħata s-setgħa li t-twaqqigħ tagħmlu hi bi flus il-parti konvenuta.

3. Il-parti konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet, fost oħrajn:

i. "illi … ma hemmx prova li Edward Camilleri għandu r-rappreżentanza tas-soċjetà attriċi u għalhekk il-konvenut għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju" u

ii. "illi … l-attur *nomine* ma għandux interess ġuridiku u għalhekk il-konvenut għandu jiġi liberat mid-domandi"

4. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'sentenza mogħtija fit-23 ta' Jannar 2009 ċaħdet dawn l-eċċezzjonijiet u laqgħet it-talbiet tal-attriċi. Dwar jekk Edward Camilleri kellux is-setgħa li jidher f'isem is-soċjetà attriċi l-qorti osservat illi mid-dokument esebit *a fol.* 73 tal-proċess "jirriżulta li Edward Camilleri ġie debitament nominat u awtorizzat sabiex jidher f'dawn il-proċeduri in rappreżentanza tas-soċjetà attriċi". Id-dokument li fuqu qagħdet il-qorti huwa riżoluzzjoni tal-bord tad-diretturi tal-attriċi li jgħid illi "*it was resolved that Edward Camilleri … be appointed special attorney of the company duly authorised to represent it in all judicial proceedings and ancillary matters*".

5. Dwar l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' interess il-qorti osservat illi "s-soċjetà attriċi imponiet kondizzjonijiet fil-konċessjoni enfitewtika in kwestjoni u għandha kull dritt u interess li tassigura u tesiġi li dawn il-kondizzjonijiet jiġu osservati mill-enfitewta".

6. Il-parti konvenuta appellat minn din is-sentenza iżda l-aggravji tal-appell ma kinux jolqtu s-setgħa ta’ Edward Camilleri li jidher f’isem l-attriċi fil-kawża. B’sentenza tal-11 ta’ Novembru 2011 din il-qorti ċaħdet l-appell u ikkonfermat f’kollox is-sentenza appellata.
7. B’rikors ippreżentat fit-8 ta’ Frar 2012 il-parti konvenuta talbet is-smigħ mill-ġdid tal-appell wara li titħassar is-sentenza ta’ din il-qorti tal-11 ta’ Novembru 2011 għal raġunijiet li qegħdin jinġiebu hawn *verbatim*:
«… … … hemm lok għal ritrattazzjoni mis-sentenza tal-onorabbli Qorti tal-Appell … datata 11 ta’ Novembru 2011 a bażi tal-artikolu 811 (*e*) u (*k*) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta’ Malta peress illi l-istess soċjetà attriċi ma għandhiex interess ġuridiku li tirrikjedi l-liġi u dan meta s-soċjetà ritrattata *Aura Development Company Ltd* skont id-dokument ottenut riċentament mill-*MFSA* ma jirriżultax li bħala segratarju u in rappreżentanza tal-istess soċjetà kien Edward Camilleri u dan kif jidher l-okkju stess ta’ din il-kawża u għalhekk ma jirriżultax li l-istralċjarju Benjamin Rizzo kien qed jiġi maħtur minflok l-istess Edward Camilleri in fatti s-segretarju tal-istess soċjetà hu indikat bħala Ian J. Stafrace li għandu karta ta’ identità numru 106173(M) u dan kif indikat fl-istess dokument maħruġ mill-istess *MFSA*.»
8. L-attriċi wieġbet fis-6 ta’ Marzu 2012 u fissret għala, fil-fehma tagħha, is-sentenza tal-11 ta’ Novembru 2011 ma għandhiex titħassar.
9. Id-dispożizzjonijiet tal-liġi li fuqhom qiegħda tistrieħ il-parti konvenuta jgħidu hekk:
«**811.** Kawża deċiża b’sentenza mogħtija fi grad ta’ appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista’, fuq talba ta’ waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:
«…
«(*ċ*) jekk waħda mill-partijiet fil-kawża ma tkunx persuna leġittima, kemm-il darba ma tkunx ġiet mogħtija u deċiża l-eċċezzjoni ta’ illeġittimità;
«…
«(*k*) jekk, wara s-sentenza, ikun instab dokument deċiżiv, u li l-parti li ġġibu ma kinitx taf bih, inkella, illi, bil-

mezzi li tagħti l-liġi, ma setgħatx iġġibu, qabel dik is-sentenza;»

10. Li qiegħda tgħid il-parti konvenuta għall-għanijiet tal-paragrafu (*ċ*) ma huwiex illi l-attriċi ma kinitx persuna leġittima fis-sens illi ma għandhiex leġittimazzjoni attiva biex tidher f'din il-kawża, iżda illi ma kinitx rappreżentata minn min kellu s-setgħa li jirrappreżentaha.

11. Din l-eċċezzjoni kienet ingħatat u ġiet deċiża billi ġiet miċħuda. Fil-fatt intwera illi Edward Camilleri kien maħtur bħala mandatarju speċjali biex jidher għall-attriċi u għalhekk kellu s-setgħa li jirrappreżentaha.

12. Tassew illi fl-*occhio* tniżżel bħala segretarju u mhux bħala mandatarju. Dan iżda ma jibdel xejn mis-setgħa li jidher għas-soċjetà attriċi.

13. Għalhekk, kemm għax l-eċċezzjoni ġà ngħatat u ġiet miċħuda u kemm għax ma huwiex minnu illi l-attriċi ma kinitx rappreżentata sew, dan l-aggravju – li fil-fehma ta' din il-qorti huwa x'aktarx fieragħ – huwa miċħud.

14. Id-"dokument deċiżiv" li fuqu tistrieħ il-parti konvenuta għall-għanijiet tal-paragrafu (*k*) huwa *print-out* mis-sit elettroniku tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u juri li, għall-inqas meta nħareġ id-dokument, is-segretarju tal-attriċi ma kienx Edwared Camilleri iżda kien Ian J. Stafrace.

15. Dan id-dokument ma jiswiex għall-għanijiet tal-paragrafu (*k*) għal bosta raġunijiet: l-ewwelnett huwa dokument li seta' nkiseb sa mill-bidunett tal-kawża u għalhekk ma huwiex dokument illi "l-parti li ġġibu ma kinitx taf bih, inkella, illi, bil-mezzi li tagħti l-liġi, ma setgħatx iġġibu, qabel … is-sentenza". Barra minn hekk, ma jurix fuqu stess id-data meta nħareġ: li juri hu li meta nħareġ – li ma nafux meta – is-segretarju tas-soċjetà ma kienx Edward Camilleri, iżda ma jurix illi, fil-waqt relevanti, *i.e.* meta nfetħet il-kawża, Edward Camilleri ma kienx segretarju. Ukoll, kien jew ma kienx segretarju Camilleri ma huwiex wisq relevanti ladarba kien ingħata s-setgħa li jidher għas-soċjetà bħala mandatarju speċjali.

16. Dan l-aggravju wkoll huwa fieragħ u huwa miċħud.

17. Il-qorti għalhekk tiċħad it-talba tal-parti konvenuta għat-tħassir tas-sentenza tal-11 ta' Novembru 2011 bl-ispejjeż kontra l-parti konvenuta. Billi hija tal-fehma illi dawn il-proċeduri tallum kienu fiergħa, maħsuba biss biex

itawlu bla bżonn iż-żmien għall-esekuzzjoni tas-sentenza, il-qorti, wara li rat il-paragrafu 10(l) tat-Tariffa A mehmuża mal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tikkundanna lill-parti konvenuta tħallas lir-reġistratur spejjeż addizzjonali ta’ seba’ mitt euro (€700).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------